MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-17 ta' Gunju, 2005

Talba Numru. 892/2005

**Vodafone Malta Limited**

**vs**

**Paul Attard**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-22 t'April 2005 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' mitejn u hamsin Liri Maltin u hamsa u hamsin centezmu (Lm250.55), bhala hlas ghal servizzi rezi mis-socjeta' attrici lill-konvenut in konnessjoni ma' *mobile phone* bin-numru 99465763.

Illi l-konvenut interpellat biex ihallas diversi drabi, baqa' inadempjenti.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta’ sekwestru pprezentat ma’ l-avviz u bl-interessi kontra l-konvenut mid-data meta l-ammont pretiz f’din it-talba kien dovut sad-data tal-pagament effettiv.

Ra n-nota ta’ Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ppruvat ai termini ta’ l-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u ta’ l-Artikoli 698 (2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenut gie regolarment notifikat, naqas milli jidher meta gew pprezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta’ Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talbiet tas-socjeta’ attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ mitejn u hamsin Liri Maltin u hamsa u hamsin centemzi (Lm250.55), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata ta’ l-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjez ta’ din l-istanza u dawk tal-mandat ta’ sekwestru pprezentat ma’ l-avviz, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------